IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 4.6.2012
COM(2012) 268 final

2012/0140 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tirrigwarda l-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova li jemenda l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea r-Repubblika tal-Moldova dwar l-iffaċilitar tal-ħruġ ta' viżi

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

I. IL-QAFAS POLITIKU U LEGALI

Il-Ftehim dwar l-Iffaċilitar tal-Viżi bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova[1] ilu fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2008.

L-Artikolu 12 tal-Ftehim dwar l-Iffaċilitar tal-Viżi jistabbilixxi Kumitat Konġunt bl-impenn li, *inter alia*, jissorvelja l-implimentazzjoni tal-Ftehim u jissuġġerixxi emendi jew żidiet għall-Ftehim. Fil-ħames (5) laqgħa tiegħu tas-27 ta' Mejju tal-2010, il-Kumitat Konġunt għamel numru ta' suġġerimenti għal emendi u żidiet għall-Ftehim.

Fuq dik il-bażi**,** fid-29 ta' Ottubru 2010, il-Kummissjoni ppreżentat rakkomandazzjoni lill-Kunsill biex jawtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ in-negozjati mar-Repubblika tal-Moldova dwar Ftehim li jemenda l-Ftehim dwar l-Iffaċilitar tal-Viżi.

Wara l-awtorizzazzjoni mogħtija mill-Kunsill fil-11 ta' April 2011, fit-13 ta' Mejju 2011 infetħu n-negozjati mar-Repubblika tal-Moldova fi Brussell fir-rigward ta' Ftehim li jemenda l-Ftehim dwar l-Iffaċilitar tal-Viżi. Saru tliet rawnds ulterjuri ta' negozjati fid-29 ta' Awwissu 2011 f'Chisinau u fis-16 ta' Novembru 2011 u l-14 ta' Diċembru 2011 fi Brussell.

L-abbozz li jemenda l-Ftehim jipprevedi fost l-oħrajn eżenzjoni mill-viża għal ċittadini tal-Moldova li huma detenturi ta' passaporti bijometriċi ta' servizz. In-negozjaturi esprimew il-fehim komuni tagħhom li l-eżenzjoni tal-viża se tintuża in bona fide. Minħabba l-importanza ta' dan għall-Unjoni Ewropea, intbgħatet ittra f'isem l-Unjoni Ewropea lir-Repubblika tal-Moldova fit-28 ta' Frar 2012 li tikkonferma li l-Unjoni Ewropea tista' tinvoka sospensjoni parzjali tal-ftehim emendat u b'mod partikolari d-dispożizzjoni li tipprovdi l-eżenzjoni tal-viża għad-detenturi ta' passaporti bijometriċi tas-servizz, b'konformità mal-klawżola ta' sospensjoni tal-Ftehim emendat, jekk din l-eżenzjoni tal-viża tkun abbużata mir-Repubblika tal-Moldova jew twassal għal theddida għas-sigurtà pubblika. L-ittra (mingħajr l-anness) hija mehmuża ma' dan il-memorandum ta' spjegazzjoni. Dan l-approċċ ġie approvat mill-Istati Membri fil-Grupp ta' Ħidma dwar il-Viża fl-10 ta' Jannar 2012. Ir-Repubblika tal-Moldova qablet ma' dan l-approċċ bl-email tat-13 ta' Frar 2012.

Fit-22 ta' Marzu 2012 it-test finali tal-Ftehim emendatorju ġie ffirmat min-negozjaturi ewlenin.

L-Istati Membri ġew mgħarrfa u kkonsultati b'mod regolari fl-istadji kollha tan-negozjati waqt il-Gruppi ta' Ħidma tal-Kunsill rilevanti.

Min-naħa tal-Unjoni, il-bażi legali għall-Ftehim emendatorju hi l-Artikolu 77(2)(a), flimkien mal-Artikolu 218 TFUE.

Il-Kummissjoni ffirmat il-Ftehim emendatroju fil-... F'konformità mal-Artikolu 218(6)(a) TFUE, il-kunsens tal-Parlament Ewropew għall-konklużjoni tal-Ftehim emendatorju ngħata fil-...

---

[1] Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova dwar l-iffaċilitar tal-ħruġ ta' viżi, ĠU L 334, 19.12.2007, p. 169

II. IR-RIŻULTAT TAN-NEGOZJATI

Il-Kummissjoni tikkunsidra li ntlaħqu l-għanijiet stabbiliti mill-Kunsill fid-direttivi ta' negozjati tiegħu u li l-abbozz tal-Ftehim emendatorju hu aċċettabbli għall-Unjoni.

Il-kontenut finali tiegħu jista' jiġi mqassar kif ġej:

- rekwiżiti ssimplifikati għad-dokumenti li għandhom jiġu ppreżentati dwar l-għan tal-vjaġġ għal dawn il-kategoriji ta' applikanti li ġejjin:

(a) ix-xufiera li jwasslu l-merkanzija internazzjonali u s-servizzi ta' trasport ta' passiġġieri u l-ġurnalisti: ġew riveduti.

(b) il-membri tal-ekwipaġġ tekniku li jakkumpanjaw ġurnalisti, qraba ta' ċittadini tal-UE li jirrisjedu fit-territorju tal-Istat Membru li tiegħu huma ċittadini, u parteċipanti fi programmi ta' kooperazzjoni transkonfinali uffiċjali tal-UE: ġew introdotti;

- kjarifika tad-dispożizzjonijiet dwar il-perjodu ta' validità tal-viżi għal dħul aktar minn darba għal dawn il-kategoriji tal-applikanti:

(a) il-kategoriji elenkati fl-Artikolu 5(1) tal-Ftehim dwar l-Iffaċilitar tal-Viżi kif ukoll il-prosekuturi nazzjonali u reġjonali u d-deputati tagħhom, il-konjugi, it-tfal u l-ġenituri li jżuru liċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea residenti fit-territorju tal-Istat Membru li tiegħu huma ċittadini, u l-ekwipaġġ tekniku li jakkumpanja lill-ġurnalisti f'kapaċità professjonali:

fil-prinċipju, se jinħarġu b'viżi għal dħul aktar minn darba validi għal ħames snin. Il-viżi għal dħul aktar minn darba b'perjodu iqsar ta' validità għandhom jinħarġu biss meta d-data tal-iskadenza tad-dokument tal-ivvjaġġar tkun teħtieġ dan jew meta l-ħtieġa jew l-intenzjoni għall-ivvjaġġar sikwit jew regolari jkunu manifestament limitati għal perjodu iqsar;

(b) il-kategoriji mniżżla fl-Artikolu 5(2) tal-Ftehim għall-Faċilitazzjoni tal-Viża u l-parteċipanti fil-programmi uffiċjali ta' kooperazzjoni transkonfinali tal-UE:

fil-prinċipju, se jinħarġu b'viżi għal dħul aktar minn darba validi għal sena. Il-viżi għal dħul aktar minn darba b'perjodu iqsar ta' validità għandhom jinħarġu biss meta d-data tal-iskadenza tad-dokument tal-ivvjaġġar tkun teħtieġ dan jew meta l-ħtieġa jew l-intenzjoni għall-ivvjaġġar sikwit jew regolari jkunu manifestament limitati għal perjodu iqsar;

- rinunzja sħiħa tal-ħlas għall-viża għal dawn il-kategoriji addizzjonali tal-applikanti: qraba taċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea residenti fit-territorju tal-Istat Membru li tiegħu huma ċittadini, l-ekwipaġġ tekniku li jakkumpanja lill-ġurnalisti f'kapaċità professjonali, parteċipanti ta' aktar minn 25 sena li jipparteċipaw f'seminars, konferenzi, avvenimenti sportivi, kulturali u edukattivi, organizzati minn organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ, rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jivjaġġaw bl-iskop ta' taħriġ edukazzjonali, seminars, konferenzi, parteċipanti fi programmi uffiċjali ta' kooperazzjoni transkonfinali tal-UE;

- il-possibilità għal fornitur estern tas-servizzi , li Stat Membru jikkoopera miegħu bl-iskop ta' ħruġ ta' viża, li jitlob ħlas għas-servizz sa mhux aktar minn EUR 30, filwaqt li tinżamm il-possibbiltà għall-applikanti kollha biex jippreżentaw l-applikazzjonijiet tagħhom direttament lill-konsulat; fuq it-talba speċifika mir-Repubblika tal-Moldova, hi mehmuża Dikjarazzjoni tal-Unjoni Ewropea mal-Ftehim Emendatorju dwar l-impenn tal-Unjoni

Ewropea li testernalizza biss is-servizz tal-ipproċessar tal-viżi meta ma tkunx tista' tagħmel mod ieħor;

- il-possibbiltà li jitneħħa r-rekwiżit biex wieħed jidher personalment meta jippreżenta applikazzjoni;

- l-eżenzjoni mill-ħtieġa tal-viża għal żjarat qosra għaċ-ċittadini tar-Repubblika tal-Moldova li huma detenturi ta' passaporti bijometriċi ta' servizz. Il-Ftehim emendatorju jiċċara li dan ma jaffettwax l-applikabbiltà tad-dispożizzjonijiet ta' Ftehimiet bilaterali eżistenti jew arranġamenti bejn l-Istati Membri individwali u r-Repubblika tal-Moldova dwar l-eżenzjoni ta' detenturi ta' passaporti mhux bijometriċi ta' servizz mill-ħtieġa tal-viża għal żjarat qosra;

- mal-Ftehim emendatorju hemm mehmuża Dikjarazzjoni Konġunta dwar il-kooperazzjoni fejn jidħlu dokumenti tal-ivvjaġġar u l-iskambju regolari ta' informazzjoni dwar is-sigurtà ta' dokumenti tal-ivvjaġġar;

- wara talba speċifika mir-Repubblika tal-Moldova, ġiet mehmuża Dikjarazzjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Ftehim emendatorju dwar id-dokumenti li għandhom ikunu ppreżentati meta ssir l-applikazzjoni għal viża għal żjara qasira;

- wara talba speċifika mir-Repubblika tal-Moldova, mal-Ftehim hemm mehmuża Dikjarazzjoni tal-Unjoni Ewropea dwar faċilitajiet għal membri tal-familja mhux koperti mid-dispożizzjonijiet legalment vinkolanti tal-Ftehim.

- is-sitwazzjonijiet speċifiċi tad-Danimarka, l-Irlanda u r-Renju Unit huma riflessi fil-preambolu;

- l-assoċjazzjoni tal-Isvizzera u l-Liechtenstein mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen hi riflessa f'Dikjarazzjoni Konġunta mal-Ftehim emendatorju.

III. KONKLUŻJONIJIET

Fid-dawl tar-riżultati msemmija hawn fuq, il-Kummissjoni tipproponi li l-Kunsill

- japprova, wara li jirċievi l-kunsens mill-Parlament Ewropew, il-Ftehim mehmuż bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova li jemenda l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova dwar l-iffaċilitar tal-ħruġ ta' viżi.

2012/0140 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tirrigwarda l-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova li jemenda l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea r-Repubblika tal-Moldova dwar l-iffaċilitar tal-ħruġ ta' viżi

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 77(2a), flimkien mal-Artikolu 218 (6)(a), tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew[2],

Billi:

(1) Skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/XXX tal-[...][3], il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova li jemenda l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova dwar l-iffaċilitar tal-ħruġ ta' viżi ġie ffirmat mill-Kummissjoni fil-[ ], soġġett għall-konklużjoni tiegħu aktar tard.

(2) Il-Ftehim għandu jkun konkluż.

(3) F'konformità mal-Protokoll dwar l-*acquis* ta' Schengen integrat fil-qafas tal-Unjoni Ewropea u l-Protokoll dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, annessi mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, filwaqt li jikkonferma li d-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim ma japplikawx għar-Renju Unit u l-Irlanda,

(4) F'konformità mal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, filwaqt li jikkonferma li d-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim ma japplikawx għad-Danimarka,

---

2 ĠU C […], […], p. […].
3 ĠU C […], […], p. […].

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova li jemenda l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova dwar l-iffaċilitar tal-ħruġ ta' viżi hu b'dan konkluż.

It-test tal-Ftehim jinsab mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu jaħtar il-persuna bis-setgħa li tipproċedi, f'isem l-Unjoni Ewropea, skont l-avviż previst fl-Artikolu 2 tal-Ftehim, sabiex tesprimi l-kunsens tal-Unjoni Ewropea li tkun marbuta bil-Ftehim.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha. Hija għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

ANNESS

FTEHIM

Bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova li jemenda l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova dwar l-iffaċilitar tal-ħruġ tal-viżi

L-UNJONI EWROPEA,

min-naħa l-waħda, u

IR-REPUBBLIKA TAL-MOLDOVA,

min-naħa l-oħra,

minn hawn ’il quddiem imsejħa ‘il-Partijiet’,

WARA LI KKUNSIDRAW il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova dwar l-iffaċilitar tal-ħruġ ta’ viżi, li daħal fis-seħħ fl-1 ta’ Jannar 2008,

BIX-XEWQA li jkomplu jiffaċilitaw il-kuntatti bejn il-persuni,

FILWAQT LI JIRRIKONOXXU l-importanza tal-introduzzjoni ta’ reġim ta’ vvjaġġar ħieles mill-viża għaċ-ċittadini tar-Repubblika tal-Moldova fiż-żmien dovut, sakemm il-kondizzjonijiet għall-mobbiltà ġestita tajjeb u sigura jkunu fis-seħħ,

FILWAQT LI JQISU l-Protokoll dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta’ libertà, sigurtà u ġustizzja u l-Protokoll dwar l-*acquis* ta’ Schengen integrat fil-qafas tal-Unjoni Ewropea, annessi mat-Trattat tal-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u jikkonfermaw li d-dispożizzjonijiet ta’ dan il-Ftehim ma japplikawx għar-Renju Unit u l-Irlanda,

FILWAQT LI JQISU l-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u jikkonfermaw li d-dispożizzjonijiet ta’ dan il-ftehim ma japplikawx għad-Danimarka,

FTIEHMU KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova dwar l-iffaċilitar tal-ħruġ ta’ viżi, minn hawn ’il quddiem imsejjaħ ‘il-Ftehim’, hu emendat skont id-dispożizzjonijiet ta’ dan l-Artikolu:

[Titolu tal-Ftehim]

(1) Fit-titolu, il-kelma “Komunità” hi sostitwita bil-kelma “Unjoni Ewropea”.

[L-Artikolu 3 tal-Ftehim

Definizzjonijiet]

(2) Fl-Artikolu 3 il-punt (e), il-kelma “Komunità” hi sostitwita bil-kliem “Unjoni Ewropea”.

[L-Artikolu 4 tal-Ftehim

Provi dokumentati dwar l-għan tal-vjaġġ]

(3) L-Artikolu 4, il-paragrafu 1 hu emendat kif ġej:

(a) il-punt d) huwa sostitwit b’li ġej:

“(d) għal xufiera li jwasslu l-merkanzija internazzjonali u servizzi ta' trasport ta' passiġġieri lejn it-territorji tal-Istati Membri f'vetturi reġistrati fir-Repubblika tal-Moldova:

— talba bil-miktub mill-assoċjazzjoni nazzjonali ta' min iwassal fir-Repubblika tal-Moldova li tipprovdi għal trasport internazzjonali bit-triq, li tiddikjara l-għan, l-itinerarju, it-tul u l-frekwenza tal-vjaġġi;”

(b) il-punt (f) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

“(f) għall-ġurnalisti u l-ekwipaġġ tekniku li jakkumpanjahom f’kapaċità professjonali:

— ċertifikat jew dokument ieħor maħruġ minn organizzazzjoni professjonali jew minn min iħaddem lill-applikant li jixhed li l-persuna konċernata hi ġurnalista kwalifikata u li jistqarr li l-għan tal-vjaġġ hu li jitwettaq xogħol ġurnalistiku jew li jixhed li l-persuna hi membru tal-ekwipaġġ tekniku li qed jakkumpanja l-ġurnalist f’kapaċità professjonali;”

(c) il-punt (k) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(k) għal qraba – konjugi, ulied (inklużi dawk adottati), ġenituri (inklużi kustodji), nanniet u neputijiet – li jżuru ċittadini tar-Repubblika tal-Moldova legalment residenti fit-territorju tal-Istati Membri jew ċittadini tal-Unjoni Ewropea residenti fit-territorju tal-Istat Membru li tiegħu huma ċittadini:

— talba bil-miktub mill-persuna li tospita;”

(d) għandu jiddaħħal il-punt (p) li ġej:

“(p) għal parteċipanti fi programmi uffiċjali tal-UE ta’ kooperazzjoni transkonfinali, bħall-programmi tal-Istrument Ewropew ta’ Viċinat u Sħubija (ENPI):

— talba bil-miktub mill-organizzazzjoni li tospita.”

[L-Artikolu 5 tal-Ftehim

Ħruġ ta’ viżi għal dħul aktar minn darba]

(4) Fl-Artikolu 5, il-paragrafi 1 sa 3 huma mibdula b’dan li ġej:

"1. Missjonijiet diplomatiċi u pożizzjonijiet konsulari tal-Istati Membri għandhom joħorġu viżi għal dħul ta’ aktar minn darba b’terminu ta’ validità ta’ ħames snin għal dawn il-kategoriji ta’ persuni:

(a) membri ta Gvernijiet u Parlamenti nazzjonali u reġjonali, Qorti Kostituzzjonali u Qorti Suprema, jekk ma jkunux eżentati mill-ħtieġa tal-viża bil-Ftehim preżenti, biex jaqdu dmirijiethom;

(b) għal membri permanenti ta' delegazzjonijiet uffiċjali li, wara stedina uffiċjali indirizzata lir-Repubblika tal-Moldova, għandhom jipparteċipaw f'laqgħat, konsultazzjonijiet, negozjati jew programmi ta' skambju, kif ukoll f'avvenimenti li jsiru fit-territorju ta' wieħed mill-Istati Membri minn organizzazzjonijiet intergovernattivi;

(ċ) konjugi u tfal (inklużi dawk adottati), li jkunu taħt l-età ta' 21 sena jew ikunu dipendenti, u li jkunu qed iżuru ċittadini tar-Repubblika tal-Moldova li jkunu legalment residenti fit-territorju tal-Istati Membri jew ċittadini tal-Unjoni Ewropea residenti fit-territorju tal-Istat Membru li tiegħu huma ċittadini;

(d) negozjanti u rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet ta' negozju li jivvjaġġaw regolarment lejn l-Istati Membri;

(e) ġurnalisti u ekwipaġġ tekniku li jakkumpanjahom f'kapaċità professjonali.

B'deroga mill-ewwel sentenza, fejn il-ħtieġa jew l-intenzjoni li jivvjaġġaw sikwit jew regolarment hi manifestament limitata għal perjodu iqsar, it-terminu tal-validità tal-viża għal dħul aktar minn darba hu limitat għal dak il-perjodu, partikolarment meta

- fil-każ tal-persuni msemmija fil-punt a, it-terminu tal-kariga,

- fil-każ tal-persuni msemmija fil-punt b, it-terminu tal-validità tal-istatus bħala membru permanenti ta' delegazzjoni uffiċjali,

- fil-każ tal-persuni msemmija fil-punt c, il-perjodu ta' validità tal-awtorizzazzjoni għal residenza legali ta' ċittadini tar-Repubblika tal-Moldova legalment residenti fl-Unjoni Ewropea,

- fil-każ tal-persuni msemmija fil-punt d, it-terminu tal-validità tal-istatus bħala rappreżentant tal-organizzazzjoni ta' negozju jew tal-kuntratt tax-xogħol, jew

- fil-każ tal-persuni msemmija fil-punt e, il-kuntratt tax-xogħol

ikun inqas minn ħames snin.

2. Missjonijiet diplomatiċi u pożizzjonijiet konsulari tal-Istati Membri għandhom joħorġu viżi ta' dħul aktar minn darba bit-terminu ta' validità ta' sena għal dawn il-kategoriji ta' ċittadini, jekk kemm-il darba matul is-sena ta' qabel ikunu kisbu mill-inqas viża waħda, ikunu użawha skont il-liġijiet ta' dħul u residenza fit-territorju tal-Istat li żaru:

(a) għal membri ta' delegazzjonijiet uffiċjali permanenti li, wara stedina uffiċjali indirizzata lir-Repubblika tal-Moldova, għandhom jipparteċipaw f'laqgħat, konsultazzjonijiet, negozjati jew programmi ta' skambju, kif ukoll f'avvenimenti li jsiru fit-territorju ta' wieħed mill-Istati Membri minn organizzazzjonijiet intergovernattivi:

(b) rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jivvjaġġaw b'mod regolari lejn l-Istati Membri għall-għanijiet ta' taħriġ edukattiv, seminars, konferenzi, inkluż fil-qafas ta' programmi ta' skambju;

(c) membri tal-professjonijiet li jipparteċipaw f'wirjiet internazzjonali, konferenzi, simposji, seminars jew avvenimenti oħrajn simili li jivvjaġġaw b'mod regolari lejn l-Istati Membri;

(d) għal xufiera li jwasslu merkanzija internazzjonali u servizzi ta' trasport ta' passiġġieri lejn it-territorji tal-Istati Membri f'vetturi reġistrati fir-Repubblika tal-Moldova;

(e) membri tal-ekwipaġġ ta' ferroviji, refriġeraturi u lokomottivi f'ferroviji internazzjonali, li jivvjaġġaw bejn it-territorji tal-Istati Membri;

(f) persuni li jieħdu sehem f'attivitajiet xjentifiċi, kulturali u artistiċi, inklużi programmi tal-università u programmi oħrajn ta' skambju, li jivvjaġġaw b'mod regolari lejn l-Istati Membri;

(g) studenti u studenti gradwati li jivvjaġġaw regolarment għall-għanijiet ta' studju jew taħriġ edukattiv, inkluż fil-qafas ta' programmi ta' skambju;

(h) parteċipanti f'avvenimenti sportivi internazzjonali u persuni li jakkumpanjawhom f'kapaċità professjonali;

(i) parteċipanti fi programmi uffiċjali ta' skambju organizzati minn bliet ġemellati u lokalitajiet oħra;

(j) għal parteċipanti fi programmi uffiċjali tal-UE ta' kooperazzjoni transkonfinali, bħall-programmi tal-Istrument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija (ENPI).

B'deroga mill-ewwel sentenza, fejn il-ħtieġa jew l-intenzjoni li jivvjaġġaw sikwit jew regolarment huma manifestament limitati għal perjodu iqsar, it-terminu tal-validità tal-viża għal dħul aktar minn darba hu limitat għal dak il-perjodu.

3. Missjonijiet diplomatiċi u pożizzjonijiet konsulari tal-Istati Membri għandhom joħorġu viżi għal dħul aktar minn darba bit-terminu ta' validità ta' minimu ta' sentejn u massimu ta' ħames snin għall-kategoriji ta' ċittadini msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, jekk kemm-il darba fis-sentejn ta' qabel ikunu wżaw tajjeb il-viżi ta' dħul aktar minn darba għal sena, skont il-liġijiet dwar id-dħul u r-residenza fit-territorju tal-Istat li żaru sakemm il-ħtieġa jew l-intenzjoni li jivvjaġġaw sikwit jew regolarment hi manifestament limitata għal perjodu iqsar, li f'dan il-każ it-terminu tal-validità tal-viża għal dħul aktar minn darba hu limitat għal dak il-perjodu."

[L-Artikolu 6 tal-Ftehim

Ħlas għall-ipproċessar ta' applikazzjonijiet għall-viża]

(5) L-Artikolu 6 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) fl-ewwel sentenza, l-kliem tal-ftuħ għandu jiġi mibdul bis-segwenti:

"4. Mingħajr ħsara għall-paragrafu 4 il-ħlasijiet għall-ipproċessar tal-applikazzjoni għall-viża jitneħħew għal dawn il-kategoriji ta' persuni:"

(ii) fil-punt (a), jiddaħħlu l-kliem li ġejjin:

"jew ċittadini tal-Unjoni Ewropea residenti fit-territorju tal-Istat Membru li tiegħu huma ċittadini"

(iii) fil-punt (j), jiddaħħlu l-kliem li ġejjin:

"u ekwipaġġ tekniku li jakkumpanjahom f'kapaċità professjonali."

(iv) jiddaħħlu l-punti (p) sa (r) kif ġej:

"(p) il-parteċipanti li għandhom 25 sena jew anqas f'seminars, konferenzi, avvenimenti sportivi, kulturali jew edukattivi, organizzati minn organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ;

(q) rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili meta jagħmlu vjaġġi għall-għanijiet ta' taħriġ edukattiv, seminars, konferenzi, inklużi fil-qafas ta' programmi ta' skambju;

(r) għal parteċipanti fi programmi uffiċjali tal-UE ta' kooperazzjoni transkonfinali, bħall-programmi tal-Istrument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija (ENPI)."

(v) tiddaħħal is-sentenza li ġejja:

"L-ewwel sentenza tapplika wkoll fejn l-għan tal-vjaġġ huwa tranżitu."

(c) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"4. Jekk Stat Membru jikkoopera ma' fornitur estern tas-servizzi bl-iskop ta' ħruġ ta' viża, il-fornitur estern tas-servizzijista' jitlob ħlas għas-servizz. Dan il-ħlas għandu jkun proporzjonat ma' kemm ikun nefaq il-fornitur estern tas-servizzi waqt it-twettiq tal-ħidmiet tiegħu, u ma għandux ikun aktar minn EUR 30. L-Istati Membri għandhom iżommu l-possibbiltà għall-applikanti kollha li jippreżentaw l-applikazzjonijiet tagħhom direttament fil-konsulati tagħhom. Il-fornitur estern tas-servizzi għandu jwettaq l-operazzjonijiet tiegħu skont il-Kodiċi tal-Viżi u fir-rispett sħiħ tal-leġiżlazzjoni Moldova."

[Artikolu 6 a

Preżentazzjoni ta' applikazzjoni mingħajr il-preżenza tal-applikant]

(6) Għandu jiddaħħal l-Artikolu 6 a li ġej:

"Artikolu 6 a

Preżentazzjoni ta' applikazzjoni mingħajr il-preżenza tal-applikant

Il-konsulati tal-Istati Membri jistgħu jneħħu r-rekwiżit biex jidhru personalment, meta jkunu jafu lill-applikant għall-integrità u l-affidabbiltà tiegħu, sakemm l-applikant ma jkunx meħtieġ li jidher personalment għal ġbir tal-identifikaturi bijometriċi."

[L-Artikolu 8 tal-Ftehim

Tluq f'każ ta' dokumenti mitlufa jew misruqa]

(7) L-Artikolu 8 għandu jinbidel b' dan li ġej:

“Artikolu 8

Tluq f’każ ta’ dokumenti mitlufa jew misruqa

Ċittadini tal-Unjoni Ewropea u tar-Repubblika tal-Moldova li jkunu tilfu d-dokumenti ta’ identità tagħhom, jew li jkunu nsterqulhom dawn id-dokumenti waqt iż-żjara tagħhom fit-territorju tar-Repubblika tal-Moldova jew l-Istati Membri, jistgħu jħallu dak it-territorju fuq il-bażi ta' dokumenti ta' identità validi li jippermettu l-qsim tal-fruntiera, maħruġa minn missjonijiet diplomatiċi jew pożizzjonijiet konsulari tal-Istati Membri jew tar-Repubblika tal-Moldova mingħajr viża jew awtorizzazzjoni oħra.”

[L-Artikolu 10 tal-Ftehim

Passaporti diplomatiċi]

(8) L-Artikolu 10 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) it-titolu hu sostitwit b’dan li ġej:

“Passaporti diplomatiċi u ta’ servizz”

(b) il-paragrafu 2 għandu jiġi nnumerat mill-ġdid bħala 3 u għandu jkun mibdul bis-segwenti:

"3. Il-persuni msemmija fil-paragrafu 1 u 2 jistgħu joqogħdu fit-territorju tal-Istati Membri għal perjodu mhux itwal minn 90 jum għal kull perjodu ta’ 180 jum.”

(c) Il-paragrafu 2 il-ġdid li ġej għandu jiddaħħal:

"2. Iċ-ċittadini tar-Repubblika tal-Moldova li għandhom passaport bijometriku tas-servizz validu jistgħu jidħlu, joħorġu jew jagħmlu tranżitu mit-territorju tal-Istati Membri mingħajr viża.”

[L-Artikolu 12

Il-Kumitat Konġunt għat-tmexxija tal-Ftehim]

(9) Fl-Artikolu 12 il-paragrafu 1, il-kelma “Komunità” hi sostitwita bil-kliem “Unjoni Ewropea”.

[L-Artikolu 13 tal-Ftehim

Ir-relazzjoni ta’ dan il-Ftehim ma’ Ftehimiet bilaterali bejn Stati Membri u r-Repubblika tal-Moldova]

(10) L-Artikolu 13 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu eżistenti għandu jkun numerat bħala paragrafu 1;

(b) il-paragrafu li ġej għandu jiddaħħal:

"2. Id-dispożizzjonijiet ta’ Ftehimiet bilaterali jew arranġamenti bejn l-Istati Membri individwali u r-Repubblika tal-Moldova konklużi qabel id-dħul fis-seħħ ta’ dan il-Ftehim li

jipprovdu għall-eżenzjoni tad-detenturi ta' passaporti mhux bijometriċi ta' servizz mill-ħtieġa tal-viża għandhom ikomplu japplikaw mingħajr ħsara għad-dritt tal-Istati Membri kkonċernati jew ir-Repubblika tal-Moldova li jiddenunzjaw jew jissospendu dawn il-ftehimiet bilaterali jew arranġamenti."

[L-Artikolu 14

Il-klawżola tar-reċiproċità]

(11) Fl-Artikolu 14, għandha tiddaħħal din l-ewwel sentenza:

"Ir-Repubblika tal-Moldova tista' biss iddaħħal mill-ġdid il-ħtieġa tal-viża għaċ-ċittadini jew ċerti kategoriji ta' ċittadini tal-Istati Membri kollha u mhux għaċ-ċittadini jew ċerti kategoriji ta' ċittadini ta' Stati Membri individwali."

Artikolu 2

Dan il-Ftehim għandu jiġi rratifikat jew approvat mill-Partijiet skont il-proċeduri rispettivi tagħhom u jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tat-tieni xahar wara d-data li fiha l-aħħar Parti tinnotifika lill-oħra li l-proċeduri msemmija hawn fuq ikunu tlestew.

Magħmul fi XXX fl-XXX 2012 b'żewġ kopji fil-lingwi uffiċjali tal-Partijiet, u kull wieħed minn dawn it-testi huwa awtentiku indaqs.

Għall-Unjoni Ewropea

Għar-Repubblika tal-Moldova,

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA DWAR KOOPERAZZJONI FEJN JIDĦLU DOKUMENTI TAL-IVVJAĠĠAR

Il-Partijiet jaqblu li l-Kumitat Konġunt stabbilit skont l-Artikolu 12 tal-Ftehim, meta jkun qed jissorvelja l-implimentazzjoni tal-Ftehim, għandu jevalwa l-impatt tal-livell ta' sigurtà tad-dokumenti tal-ivvjaġġar rispettivi dwar il-funzjonament tal-Ftehim. Għal dan il-għan, il-Partijiet jaqblu li jinformaw lil xulxin b'mod regolari dwar il-miżuri li jkunu ttieħdu biex jiġi evitat it-tifrix ta' dokumenti tal-ivvjaġġar, billi jiġu żviluppati l-aspetti tekniċi tas-sigurtà tad-dokumenti tal-ivvjaġġar kif ukoll dwar il-proċess tal-personalizzazzjoni tal-ħruġ ta' dokumenti tal-ivvjaġġar.

ID-DIKJARAZZJONI TAL-UNJONI EWROPEA DWAR ID-DOKUMENTI LI GĦANDHOM IKUNU PPREŻENTATI META SSIR L-APPLIKAZZJONI GĦAL VIŻA GĦAL ŻJARA QASIRA

L-Unjoni Ewropea se tistabbilixxi lista armonizzata ta' dokumenti ta' appoġġ, skont il-punt a tal-paragrafu 1 tal-Artikolu 48 tal-Kodici dwar il-Viżi, sabiex tiżgura li l-applikanti mir-Repubblika tal-Moldova jkunu meħtieġa li jippreżentaw, fil-prinċipju, l-istess dokumenti ta' appoġġ. L-Unjoni Ewropea se tinforma lir-Repubblika tal-Moldova fil-Kumitat, meta tali lista ġiet stabbilita. L-Unjoni Ewropea ser tinforma wkoll liċ-ċittadini tar-Repubblika tal-Moldova skont l-Artikolu 47 paragrafu 1 punt. a tal-Kodiċi tal-Viża.

DIKJARAZZJONI TAL-UNJONI EWROPEA DWAR IL-KOOPERAZZJONI MA' FORNITURI ESTERNI TAS-SERVIZZI

L-Unjoni Ewropea timpenja ruħha li testernalizza l-proċess tal-applikazzjonijiet għall-viżi biss meta tkux tista' tagħmel mod ieħor, meta jkun hemm ċirkostanzi partikolari jew għal raġunijiet relatati mas-sitwazzjoni lokali, bħal meta l-għadd kbir ta'applikanti ma jippermettix li l-ġbir tal-applikazzjonijiet u tad-dejta jiġi organizzat f'waqtu u f'kondizzjonijiet deċenti; ma jkunx possibbli li tiġi żgurata kopertura territorjali tajba tal-pajjiż terz ikkonċernat b'xi mod ieħor; u fejn forom oħra ta' koperazzjoni jirriżultaw mhux adatti għall-Istat Membru konċernat.

ID-DIKJARAZZJONI TAL-UNJONI EWROPEA DWAR L-IFFAĊILITAR GĦALL-MEMBRI TAL-FAMILJA

Il-Komunità Ewropea tinnota s-suġġeriment tar-Repubblika tal-Moldova li tagħti definizzjoni usa' tal-kunċett tal-membri tal-familja li għandhom jibbenefikaw minn faċilitazzjoni ta' viża kif ukoll dwar l-importanza li tagħti r-Repubblika tal-Moldova lis-semplifikazzjoni tal-moviment ta' din il-kategorija ta' persuni.

Sabiex tiġi ffaċilitata l-mobbiltà ta' numru estiż ta' persuni li għandhom konnessjonijiet familjari (b'mod partikolari l-aħwa u wliedhom) ma' ċittadini tar-Repubblika tal-Moldova legalment residenti fit-territorji tal-Istati Membri jew ma' ċittadini tal-Unjoni Ewropea residenti fit-territorju tal-Istat Membru li tiegħu huma ċittadini, l-Unjoni Ewropea tistieden lill-uffiċċji konsulari tal-Istati Membri biex jagħmlu użu sħiħ mill-possibbiltajiet eżistenti fil-Kodiċi dwar il-Viżi biex jiġi ffaċilitat il-ħruġ ta' viżi lil din il-kategorija ta' persuni, inkluż b'mod partikolari, is-simplifikazzjoni tad-dokumenti ta' evidenza mitluba għall-applikanti, l-eżenzjonijiet mit-tariffi tal-ipproċessar u, fejn xieraq, il-ħruġ ta' viżi ta' dħul aktar minn darba.

ID-DIKJARAZZJONI KONĠUNTA DWAR L-ISVIZZERA U L-LIECHTENSTEIN

Il-Partijiet jinnotaw ir-relazzjoni mill-qrib bejn l-Unjoni Ewropea u l-Isvizzera u l-Liechtenstein, partikolarment bis-saħħa tal-Ftehim tat-26 ta' Ottubru 2004 dwar l-assoċazzjoni ta' dawn il-pajjiżi mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-progress tal-*acquis* ta' Schengen.

F'tali ċirkostanzi, ikun mixtieq li l-awtoritajiet tal-Isvizzera u l-Liechtenstein u r-Repubblika tal-Moldova jikkonkludu, bla dewmien, ftehimiet bilaterali dwar l-iffaċilitar tal-ħruġ ta' viżi għal żjajjar qosra f'termini simili għall-Ftehim emendat.